NOVEMBRU 2012 – IT-32 SENA – GHADD 324 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

# dawlFranġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



ĦARĠA SPEĊJALI

# Bolla Appostolika

*Benedittu, Isqof, Qaddej tal-Qaddejja t'Alla*

*Lill-maħbub ibni Ġużeppi Alessandro, membru tal-Ordni tal-Aħwa Minuri Kapuċċini u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Garissa, maħtur Isqof Koadjutur tal-istess Sede, sliem u barka Appostolika.*

*Peress li l-Papa s-soltu jaħtar Koadjuturi ta' Knejjes partikulari meta r-Rgħajja jitolbu tali għajnuna minħabba kawżi varji u ġusti, aħna ħsibna li kellna nikkonċedu għat-talba tal-Venerabbli Ħuna Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof ta' Garissa, li dan l-aħħar talab għal koadjutur biex ikun jista' jagħti attenzjoni aħjar lill-ġid spiritwali tal-fidili tiegħu. U peress li int, maħbub ibni, mogħni bi kwalitajiet speċjali u mħarreġ fl-affarijiet sagri tal-istess post, tidher li tkun idoneu li tesegwixxi dan ix-xogħol, bil-parir tal-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus, bl-ikbar setgħa Appostolika tagħna naħtruk Isqof Koadjutur ta' Garissa bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha, bid-dinjità Episkopali u b'tali uffiċċju konnessi man-norma tal-liġi.*

*Nagħtu permess li tieħu l-Ordinazzjoni barra l-Belt ta' Ruma minn kwalunkwe Isqof Kattoliku, sakemm il-liġijiet liturġiċi jkunu mħarsa. Imma qabel għandek tagħmel il-professjoni tal-fidi Kattolika u tieħu l-ġurament tal-fedeltà lejna u s-suċċessuri tagħna skont il-Kanoni sagri. Nordnaw fuq kollox li din l-ittra tasal għall-attenzjoni tal-kleru u l-poplu ta' dik id-Djoċesi, li ninkoraġġuhom bħala nies għal qalbna ħafna biex isegwuk b'rispett ikbar.*

*Agħmel, mela, maħbub ibni, magħqud sod mal-Venerabbli Isqof ta' Garissa, li twettaq l-uffiċċju tiegħek b'mod l-aktar diliġenti, waqt li tagħmel kollox bl-imħabba, li tagħmilna aċċettabli lill-bnedmin u, l-aktar, lil Alla. Jalla l-grazzja u s-sliem tiegħu, bl-inteċessjoni ta' Sidtna Marija, is-Sinjura tagħna tal-Afrika, jakkumpanjawk dejjem.*

*Mogħtija Ruma, f'San Pietru, fid-29 tax-xahar ta' Ġunju, fis-Solennità tal-Appostli San Pietru u San Pawl, fis-sena tal-Mulej 2012, fit-tmien sena tal-Pontifikat tagħna.*

*Benedittu XVI*
*Nicola Thevenin, Protonotarju Appostoliku*

**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Mons. Joseph Alessandro, waqt it-tqegħed tal-idejn mill-Kardinal John Njue, f'mument tal-konsagrazzjoni tiegħu bħala Isqof Ko-adjutur tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja.**

**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frano Fenech OFMCap
Ivan Scicluna OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: lpf1939@gmail.com

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Printit
Tel: 2189 4446/7

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidħru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidħrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*

© Dawl Franġiskan 2012
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

# L-ISTEMMA TA' MONS. ISQOF JOSEPH ALESSANDRO OFMCap






*Mons. Joseph Alessandro, Isqof Ko-adjutur tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja.*

## IL-MOTTO:
## "DAK KOLLU LI JGĦIDILKOM ĦU, AGĦMLUH" (Ġw 2:5)

**TIFSIR:**

- Peress li dan huwa kliem ta' Marija, u anki peress li d-Djoċesi ta' Garissa hija taħt il-patroċinju ta' Marija (Konsolata) allura l-parti ta' fuq, in-naħa tax-xellug, hemm l-istemma tal-Madonna.
- Ma' ġenbha, fuq il-lemin, hemm l-istemma Franġiskana peress li jiena nagħmel parti mill-Ordni Franġiskan Kapuċċin.
- Fin-nofs tal-istemma hemm simboleġġjat l-ewwel sinjal (miraklu) ta' Ġesù, dak fit-Tieġ ta' Kana. Dan huwa muri bis-sitt ġarar li l-ilma ta' ġo fihom inbidel f'inbid.
- L-ilma huwa simboleġġjat bil-faxxi bojod u l-inbid bil-faxxi ħomor. Dawn il-faxxi għandhom forma mmewġa biex juru movement, ħajja u ferħ f'dan il-miraklu.
- Isfel, fuq ix-xellug hemm iż-żiemel, l-emblema tal-familja Alessandro.
- Fuq il-lemin hemm il-ġemel, li huwa tipiku f'din l-arja semi-deżerta tad-Djoċesi ta' Garissa. •

*Mons. Joseph Alessandro mixħut mal-art waqt il-kant tal-Litanija tal-qaddisin.*



# MONS. JOSEPH ALESSANDRO OFMCAP

## ISQOF KO-ADJUTUR F'GARISSA, KENJA



Mons. Joseph AlessandroOFMCap, minn dak il-jum tal-Ordinazzjoni Episkopali sagramentali tiegħu jsir parti mill-Kulleġġ Episkopali f'għaqda ġerarkika mal-kap u mal-membri tal-istess Kulleġġ. Bħala Isqof u membru ta' dan il-Kulleġġ, flimkien mal-bqija tal-Isqfijiet kollha **"mqegħdin mill-Ispirtu s-Santu, huma suċċessuri tal-Appostli bħala rgħajja tal-erwieħ"** (Vat.II, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja ta' Kristu) u flimkien mal-Papa u l-awtorità tiegħu għandhom il-missjoni li jkomplu għal dejjem il-ħidma ta' Kristu, ragħaj etern. Infatti Kristu ta lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom l-ordni u s-setgħa li jgħallmu lill-ġnus kollha, li jqaddsu lill-bnedmin fil-verità u li jirgħuhom.



*Mons. Pawlu Darmanin, wiehed mill-Isqfijiet Ordinandi, waqt it-tqieghed tal-idejn fuq ras l-Isqof Joseph Alessandro.*

*L-Isqof prinċipali, il-Kardinal tal-Kenja, l-Em.T. John Njue, jidlek biż-żejt ikkonsagrat ir-ras tal-Isqof il-ġdid, Mons. Joseph Alessandro.*



Għalhekk l-Isqfijiet, bl-Ispirtu s-Santu li ngħatalhom saru tabilħaqq għalliema fil-fidi, saċerdoti u rgħajja awtentiċi kif jgħallem il-Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja. Din is-setgħa kif tkompli tgħallem il-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja, **"Hija eżerċitata b'mod solenni fil-Konċilju Ekumeniku"** u għalhekk l-Isqfijiet kollha, kif jistabilixxi l-Konċilju Vatikan II, għandhom id-dritt li jieħdu sehem fil-Konċilju Ekumeniku.

Il-kolleġġjalità u l-universalità tal-Kulleġġ Episkopali tkompli titwettaq permezz tas-Sinodu tal-Isqfijiet (Pawlu VI, fil-Motu proprio Apostolica Sollicitudo tas-sena 1965). Is-Sinodu tal-Isqfijiet juri li l-istess Isqfijiet kollha f'għaqDa ġerarkika jerfgħu flimkien it-toqol tar-responsabbiltà għall-Knisja universali. Għalkemm kull Isqof hu marbut mad-djoċesi tiegħu, madankollu bħala suċċessur tal-ewwel Kulleġġ tal-Appostli, huwa wkoll marbut b'għaqda mal-bqija tal-membri kollha tal-Kulleġġ u flimkien juru ħsieb għall-Knejjes kollha għaliex b'dispożizzjoni divina u minn dak li jitlob l-Uffiċċju Appostoliku kull wieħed minnhom huwa responsabbli għall-Knisja flimkien mal-Isqfijiet l-oħra (ara Piju XII, *"Fidei donum"* tal-21 t'April 1957).

Bħala Isqof, Mons. Alessandro, jidħol fl-obbligu bħal kull Isqof ieħor li jgħallem u jxandar l-Evanġelju ta' Kristu, il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Dan jitlob li:

- jgħallem xi stima għandu jkun hemm lejn id-duttrina tal-Knisja,
- il-persuna tal-bniedem,
- il-libertà tiegħu,
- lejn l-istabbilità tal-familja u l-għaqda tagħha fil-ħajja taż-żwieġ,
- il-prokreazzjoni u l-edukazzjoni tal-ulied,
- lejn is-soċjetà ċivili,
- ix-xogħol u l-mistrieħ,
- l-arti u t-teknika,
- lejn il-faqar u l-ġid.

Barra mit-tagħlim huwa d-dmir tal-Isqof, bħala r-ragħaj spiritwali, li jħeġġeġ għall-qdusija. Bħala Isqof għandu l-milja tas-sagrament tal-Ordni u għalhekk meħud minn fost il-poplu ta' Alla biex joffri għotjiet u sagrifiċċji għad-dnubiet. Jara wkoll li

APOSTOLIC NUNCIATURE
IN KENYA

Nairobi, 28 June 2012

N° 15.111/12

**Re: Appointment of the Coadjutor Bishop to Diocese of Garissa**

Your Lordship,

It is my pleasure to inform you that, His Holiness Pope Benedict XVI, has accepted the request of His Lordship Paul Darmanin, Bishop of Garissa, to grant him a Coadjutor Bishop on health grounds and has appointed **Rt. Rev. Joseph Alessandro, OFM. Cap.,** as the Coadjutor Bishop of Garissa.

The announcement will be made on Friday **29th June 2012 at 12.00 p.m.** Roman time (1.00 p.m. local time). Until then, this information will remain confidential.

In the absence of His Excellency Archbishop Alain Paul Lebeaupin, currently out of the Country, I avail myself of this opportunity to renew to Your Lordship the assurances of my high esteem and consideration, as I remain

Sincerely yours in Christ

Msgr. Javier Herrera Corona
*Chargé d'Affaires a.i.*

---------------------------

To All Right Reverend
Bishops of Kenya

P.O. Box 14326 00800 Nairobi Tel. (020) 444.2975/6/7 Fax (020) 444.6789 nunciokenya@nunciokenya.org



*L-Isqof Joseph Alessandro jirċievi l-Ktieb tal-Evanġelju u l-mandat li jxandru b'impenn.*

fl-Ewkaristija, il-fidili jsibu fihom l-għan li jgħixu b'mod profond il-misteru tal-Għid biex hekk il-Knisja tkun iktar bħala bini magħqud fl-għaqda tal-imħabba ta' Kristu (ara Piju XII Mediator Dei tal 20 ta' Novembru 1947).

Uffiċċju ieħor tal-Isqof huwa li jmexxi bħala missier u ragħaj lill-ġemgħa nisranija. F'din il ħidma kull Isqof irid iżomm dejjem quddiem għajnejh li dan l-uffiċċju huwa ta' qadi lejn l-istess merħla. Huwa d-dmir li jara li l-merħla kollha tkun bħala familja waħda u jagħtiha dak it-trawwim meħtieġ.

Bħala Isqof ko-adjutur Mons. Alessandro huwa l-id il-leminja tal-Isqof tal-post. Għalkemm bħala Isqof ko-adjutur għandu l-jedd għas-suċċessjoni meta l-Isqof tal-post, f'dan il-każ Mons. Pawlu Darmanin jasal għall-età ta' 75 sena, sakemm idum bħala ko-adjutur irid jara li bħalma dejjem wettaq s'issa jkompli, kif titlob il-liġi tal-Knisja, jgħin lill-Isqof tal-post fit-tmexxija taħt l-uffiċċju triplu ta' kull Isqof fid-djoċesi u jimxi f'armonija miegħu (Canon Law, 403, nn3-5).

Fil-ħidma l-ġdida li Mons. Joseph Alessandro se jidħol għaliha, aħna aktar minn ċerti li, kif wettaq b'fedeltà u mħabba kbira kull uffiċċju mitlub lilu fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin u fil-Provinċja Maltija, hekk ukoll bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu u t-talb tagħna jkompli jwettaq il-ħidma fejjieda l-ġdida mitluba minnu. •

# KENYA EPISCOPAL CONFERENCE

CATHOLIC SECRETARIAT

WAUMINI HOUSE, WESTLANDS
P.O. Box 13475 - 00800, Nairobi
Tel: 4443133/4/5, 4443906, 4443917
Fax: 4442910, 4441758
Email: secgeneral@catholicchurch.or.ke
Website:www.catholicchurch.or.ke

**Our Ref:**

**Your Ref:**

5th July 2012

**Rt. Rev. Joseph Alessandro OFM, Cap.,**
Coadjutor Bishop Elect
Diocese of Garissa
P. O. Box 7 70100
**GARISSA**

Dear Bishop Elect,

**RE: CONGRATULATIONS**

Greetings and kind regards from the Kenya Episcopal Conference-Catholic Secretariat.

It is with profound joy that we received the news of your appointment as Co-adjutor Bishop of Garissa by the Holy Father Pope Benedict XVI on 29th June 2012. On behalf of the Administrator Rt. Rev. Philip Anyolo and staff of this Secretariat of the Bishops Conference, I take this opportunity to congratulate you and to express to Your Lordship our sentiments of highest esteem and respect. We join Bishop Paul Darmanin in rejoicing and celebrating you as his successor in the course.

We welcome you to the KEC-Catholic Secretariat assuring you our facilitation and collaboration as always. You are a gift to us, to KEC and to the Universal Catholic Church.

Whilst commending your episcopal Apostolate to the maternal care of our Blessed Virgin Mary our mother, I remain,

Yours faithfully,

**Rev. Fr. Vincent Wambugu**
**SECRETARY GENERAL**

CC:

- **His Eminence John Cardinal Njue,**
  Chairman, KEC
- **Rt. Rev. Philip Anyolo**
  Vice Chairman KEC /Chief administrator KEC-CS
- **All Arch/bishops - KEC**

**INCORPORATING: THE SECRETARY GENERAL'S OFFICE**
**Commissions:** 1) Commission for Liturgy, 2) Commission for Doctrine, 3) Commission for Pastoral & Lay Apostolate, 4) Seminary Episcopal Commission, 5) Commission for Missions, 6) Commission for Religious & Clergy - Liason Committee, 7) Catholic Justice and Peace Commission, 8) Commission for Education & Religious Education, 9) Commission for Social Communications, 10) Commission for Ecumenism, 11) Commission for Inter-Religious Dialogue, 12) Commission for Development and Social Services/Caritas Kenya, 13) Commission for Health, 14) Commission for Refugees, Migrants & Seafarers, 15) Commission for Finance Non Commissions: 1) Canon Law National Office, 2) Family Life Office, 3) Apostolate to the Nomads (A.N.A)



L-Isqof il-ġdid, Mons. Joseph Alessandro, fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni flimkien mal-Isqfijiet l-oħra preżenti għall-Ordinazzjoni Episkopali fl-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Il-Belt.



L-Isqof il-ġdid, Mons. Joseph Alessandro, fit-tmiem l-Ordinazzjoni tiegħu qed ikun ippreżentat lill-ġemgħa li mliet il-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

# MIT-TFULIJA SAN-NOVIZZJAT

## MIL-LENTI TA' ĦUH ORESTE



JOSEPH huwa t-tieni wild minn sitt ulied mill-ġenituri Carmela Fiorentino minn Bormla, u Alfred Alessandro mill-Isla: Salvinu, Joseph, Antoinette, Oreste, Mario u Rita.

### TFULIJA

Huwa twieled nhar it-30 ta' Novembru 1944 fid-dar, 62 Triq Sammat, Raħal Ġdid. Ha l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-lokal, li dak iż-żmien għamlet xi snin f'dar kbira quddiem il-knisja ta' Sta Ubaldeska, qabel ma' nbniet l-iskola l-ġdida, in-naħa ta' fuq ta' Triq Ġużè Damato. Illum din id-dar qed isservi bħala l-MUSEUM tas-subien u ilha f'idejn is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija sa mis-sena 1965. Għal sentejn attenda l-iskola li kienet ġiet trasferita fil-premises tal-ħabs ta' Kordin, fir-Raħal Ġdid. L-edukazzjoni sekondarja ħadha fil-Liceo tal-Ħamrun bejn is-sena 1957 u 1961

Niftakar lil missieri (Alfred Alessandro) jgħid, illi meta tħawlu s-siġar li hemm illum fil-pjazza tar-Raħal Ġdid, it-tfal tal-iskola primarja kienu ħadu sehem attiv billi wħud mill-istudenti kienu (simbolikament) ħawlu s-siġar huma. Waħda minn dawn is-siġar, dik li hemm quddiem il-Youth Centre, kienet tħawlet minnu.



*Fr Joseph Alessandro flimkien ma' missieru Alfred u ħutu, fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Furjana, f'jum li rċieva l-Ubbidjenza li jmur il-Missjoni fil-Kenja, 1989.*

Dan l-aħħar, ħabib tagħna u ħabib ta' Fr Joseph, is-Sur Joe Battistino, li joqgħod Sta Luċija, għaddielna ritratt sabiħ ferm ta' meta hu u Fr Joseph kienu fi Standard 5, fil-klassi tas-Sur Aquilina, għalliem tajjeb ferm u ta' dixxiplina kbira. Li fih sabiħ dan ir-ritratt hu illi, minn fost sitta u għoxrin student, ħamsa minnhom, inkluż ħija Joseph, saru reliġjużi. Dawn huma Fr Victor Spiteri, Franġiskan Kapuċċin, Fr Victor Mangion, Salesjan, il-mibki Mons. George Deguara u Fr Silvio Briffa. Naturalment il-ħames reliġjużi huma kollha mir-Raħal Ġdid.

### VOKAZZJONI

Ikolli ngħid li Fr Joseph, l-ispirazzjoni biex jidħol patri kien ħadha mingħand iz-ziju l-patri, ħu l-papà tagħna. Dan iz-ziju, Alla jaħfirlu, kien Patri Vittorin Alessandro, Franġiskan Minuri, li qatta' l-akbar parti tas-saċerdozju tiegħu fil-Missjoni, madwar tmintax-il sena fiċ-Ċina, sitt snin fil-Gwatemala, xi snin fl-Awstralja u ħmistax-il sena f'Kalifornja mal-emigranti Maltin u Għawdxin.

Wara li spiċċa l-Form IV tal-Liceo, fil-Ħamrun, fl-24 ta' Settembru 1961, Fr Joseph issieħeb fl-Ordni tal-Patrijiet Kapuċċini ta' Malta.




*Joseph Alessandro (11-il sena) ma' sħabu tal-klassi tal-iskola, f'Raħal Ġdid.*

L-ewwel sena tan-novizzjat għaddiha fil-kunvent tal-Kapuċċini tar-Rabat, Għawdex, inti u nieżel it-triq li twassal għal Marsalforn, fejn fit-30 ta' Settembru ta' sena wara, għamel l-ewwel wegħdiet. Kif spiċċa n-novizzjat f'Għawdex, ġie lura Malta u kompla bl-istudji u l-formazzjoni tiegħu fil-kunvent tal-Kapuċċini, il-Kalkara.

Ngħid il-verità, għalkemm jien erba' snin iżgħar minn Fr Joseph, ma nħossx illi niftakar ħafna dwar iż-żmien li għamel fid-dar sa kemm ħareġ f'Settembru tas-sena 1961, fl-età ta' 16-il sena.

Li naf żgur illi aħna s-sitt aħwa, erba' subien u żewġt ibniet, trabbejna ġewwa dar mhux kbira ħafna fi Triq Sammat, kantuniera ma' Triq Hal Saflieni, Raħal Ġdid, u dak iż-żmien konna nqattgħu ħafna żmien ġod-dar, b'mod partikulari fil-vaganzi tas-sajf, għaliex ma konniex nilagħbu barra. Allura konna nilagħbu ġewwa u fid-daqsxejn ta' bitħa li kienet tkun iffullata minna kollha, b'kulħadd irid jilgħab fiha. B'xi mod kien jirnexxielna, għalkemm kien ikollna xi tilwima 'l hawn u 'l hinn ta' tfal li konna. Iż-żewġ ħuti l-bniet ħafna darbi kienu jilagħbu għalihom bil-pupi u 'tal-mamà'.

Niftakar sewwa, b'mod partikulari fis-sajf, kuljum fl-4 pm, konna mmorru ma' ommna fil-kappella tas-sagrament tal-Mużew tal-bniet, fi Triq Sta Monika, Raħal Ġdid, għar-rużarju u wara għall-Barka Sagramentali. Biex ngħinu lill-qassis jagħti l-Barka, li dak iż-żmien kien Monsinjur Alwiġ Psaila, ħu Dun Fred, u mbagħad Dun Mario Agius, konna noħorġu xi ħamest itfal, fosthom ħija Joseph, ħija Mario u jien fuq l-artal. Wara, kif naslu d-dar, għal ħabta' tal-5 pm konna noħorġu bil-qiegħda fuq it-tarġa tal-bieb ta' barra nistennew lil missierna ġej mix-xogħol bil-mixi mid-Dockyard, f'Għajn Dwieli.

Ħija l-kbir, Salvinu u Fr Joseph kienu jarmaw artal ċkejken fuq il-gradenza tal-mamà u spiss konna 'nqaddsu' l-quddies. L-artal li kellna konna narmawh u nżejnuh ħafna. Konna nixtru statwi u tiżjin ieħor mill-ħanut ta' Celest Carabott, tal-pjazza tar-Raħal Ġdid. Konna nagħmlu l-ilbies tal-quddies li kien jilbes is-saċerdot meta jqaddes mill-karti taz-zokkor, karta ħoxna u safranija li kienu jużaw il-ħwienet tal-merċa biex igeżwru l-għaġin fihom, karti strazzi u karti tat-tajr.

Dan Celest, kif konna nsejjħulu aħna t-tfal, kien magħruf ħafna għall-pasturi, presepji u statwi tat-tafal ta' diversi qaddisin, santi, gandlieri taċ-ċomb, fjuretti u kull ħaġa oħra li ssib biex iżżejjen il-knisja u l-artal. Jien kont nogħxa nħares lejn l-armatura ta' dal-ħanut jien u sejjer lejn

*Br Joseph Alessandro nhar il-vestizzjoni bħala novizz Kapuċċin flimkien mal-ġenituri tiegħu Alfred u Carmela, fil-kunvent f'Għawdex.*



*Br Joseph Alessandro jirċievi l-offerti mingħand ħuh Mario nhar l-ewwel Quddies solenni tiegħu.*



il-knisja. Kien ikun armat ħafna, b'mod partikulari fi żmien il-Milied, b'ħafna pasturi tat-tafal, grotti, presepji u bambini ta' kull daqs; fi żmien il-festa ta' Kristu Re, b'ħafna statwi ta' kull daqs tal-patrun tal-parroċċa tar-Raħal Ġdid.

## HOBBIES

Għalkemm konna nilagħbu ħafna flimkien, bħala aħwa, Fr Joseph kien xi ftit differenti minna minħabba l-fatt li l-hobbies li kellu kienu jżommuh aktar waħdu. Ma rridx niftiehem illi kien maqtugħ għalih waħdu, meta per eżempju kien ipinġi. It-tpinġija kienet waħda mill-hobbies li kellu u kienet għal qalbu wisq. Jien niftakar illi waqt li kien ipinġi bil-kuluri taż-żejt b'mod partikulari, jien kont nogħxa nsegwih u nitgħallem minnu. Hija Fr Joseph qatt ma mar jitgħallem ipinġi, madankollu kien bravu għal dawn l-affarijiet. Niftakar li kien jixtri l-istoċċijiet tal-kulur taż-żejt u xi terpentina u żejt u araħ ipinġi xeni ta' raba, muntanji u baħar kollha kuluri. Niftakar sew li kien għamel sett ta' 4 pitturi li kienu twaħħlu fit-taraġ tad-dar tagħna.

Ukoll, darba minnhom, kien għamel sett pasturi magħmulin mit-tafal, drapp u kolla tal-masrudaxxa. Kien anki jivvinta ġugarelli, bħal trakkijiet magħmulin mil-kartun. Niftakar ukoll li kien għamel ktieb żgħir miktub bil-Malti u li fih kien pinġa stampi bil-lapes. Kien tifel kwiet u ubbidjenti ħafna u dejjem jivvinta xi affarijiet bħal dekorazzjonijiet għall-Milied bil-karti, kartun u kuluri. Il-logħob tal-ballun kien limitat għal

meta kien joħroġ nhar ta' Ħadd ma' sħabu tal-Mużew u jmorru l-Marsa tal-Ingliżi jilagħbu hemm.

## FORMAZZJONI

Dak iż-żmien ma kienx faċli trabbi sitt itfal b'paga waħda. Missieri kien jaħdem mal-Ammiraljat fit-tarzna ta' Malta u ma kellux xi paga kbira. Il-ġenituri tagħna rabbewna bis-sagrifiċċji f'ħajja sempliċi mingħajr lussu. Madanakollu dejjem konna ferħanin u kuntenti. Tawna l-isbaħ valuri reliġjużi u edukattivi. Illum nirringrazzjawhom tat-trobbija tajba li kienu tawna.

Qabel l 1965, il Mużew tas subien kien jinsab f'dar mhux kbira fi Triq Sammat, Raħal Ġdid, fl-istess triq li konna noqogħdu aħna bħala familja. Kien ftit passi 'l bogħod u allura kienet faċli ħafna li nattendu kuljum mingħajr ma ninvolvu l-ġenituri tagħna biex iwassluna. Niftakar illi qatt jew rari konna nfallu l-Mużew. Kemm aħna l-erba' aħwa subien, kif ukoll iż-żewġ aħwa bniet kollha konna nattendu l-Mużew.

## NOVIZZJAT

Għadni niftakar l-aħħar ġurnata li fiha Fr Joseph attenda l-Mużew. Kien il-Ħadd fix-xahar ta' Settembru 1961, wara nofsinhar, illi s-Superjur Ġużeppi Zahra kien ħabbar illi Joseph, li dak iż-żmien kien aspirant, kien se jingħaqad mal-patrijiet Kapuċċini. Niftakar qisu l-bieraħ, li wara din l-aħbar kien ta l-paċi lil kull soċju u membru li kienu dak il-ħin fis-sala tal-Mużew.

Niftakar ukoll illi l-ġenituri tagħna u Fr Joseph kienu ppakkjaw xi ħwejjeġ li kellu jieħu miegħu għal-novizzjat f'Għawdex. Kien ġie van aħdar li kien qed isuqu patri u wara li tellgħu l-affarijiet u l-basktijiet fih, rikbu missieri, ħija Joseph u ħija l-kbir, Salvinu, u wassluh sal-Marfa biex jirkeb il-vapur.

*Ordine dei Frati Minori Cappuccini*
*il Ministro Generale*



Roma, 1 luglio 2012

S.E. Rev.ma Mons.
Joseph Alessandro
Vescovo Coadiutore Eletto di Garissa
P.O. Box 7
70100 GARISSA (Kenya)

Eccellenza Reverendissima,
fratello carissimo fr. Joseph Alessandro

*il Signore ti dia pace!*

Nell'apprendere la notizia che il Santo Padre Benedetto XVI, ti ha nominato Vescovo Coadiutore di Garissa, desidero esprimerTi le mie felicitazioni unite a quelle di tutto l'Ordine Cappuccino.

Le notizie delle violenze che proprio oggi ci giungono da Garissa ci hanno sorpreso e preoccupato non poco. Il momento è certamente difficile ed è per questo che desidero esprimerti anche la mia vicinanza. Ti chiedo di far giungere a S.E. mons. Paul Darmanin la mia parola di incoraggiamento e di solidarietà. Vi assicuro la mia preghiera.

Ti affido allo sguardo materno di Maria, la Vergine Immacolata e Patrona dell'Ordine, al Serafico Padre San Francesco e ai nostri santi cappuccini chiedendo per te un ministero fecondo e sereno.

Il Signore ti accompagni.

Fraternamente

SIGILLUM MINISTRI GENERALIS FF. MINORUM S. FRANCISCI CAPPUCCINORUM

f. Mauro Jöhri
Fr. Mauro Jöhri
*Ministro generale OFMCap*

*Collegio San Lorenzo da Brindisi – Curia generale Ordine dei Frati Minori Cappuccini*
*C.P. 18382 – Circ. Occ. N. 6850 00163 ROMA - Tel 06 660521*
*Via Piemonte, 70 - 00187 Roma - Tel. (+39) 06 4620.121 - Fax (+39) 06 4620.1210*




*Joseph Alessandro fil-wheel-chair, nhar il-wasla tiegħu f'Malta wara l-inċident tal-isparatura mill-ħallelin, f'Witu, il-Kenja.*



"Qum u itlaq minn artek,
minn art twelidek, u minn
dar missierek, lejn l-art
li jien nurik"
(Ġen.12,1)

B'tifkira tat-tislima
lil
Fr. Joe Alessandro OFM Cap
qabel it-tluq tiegħu
lejn il-Missjoni ta'
Garissa - Kenja

5 Novembru 1989

Knisja tal-Kapuċċini
Furjana

Jien u ħuti, sa dak iż-żmien, qatt ma konna morna Għawdex u bis-saħħa li kien ikollna l-parlatorju, kif kien magħruf dak iż-żmien, konna nitilgħu darba kull tliet xhur biex bħala familja nqattgħu ġurnata ma' ħija fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Kapuċċini fir-Rabat, Għawdex. Jidhirli li dak iż-żmien kienu madwar ħames novizzi u allura konna niltaqgħu l-ħames familji fuq iz-zuntier. Kien żmien sabiħ li ma ninsiħ qatt.

Mur għidilhom lil ġenituri tagħna, Alla jaħfrilhom, illi Fr Joseph, wara li serva l-Knisja f'Malta kellu jmur għall-Missjoni li kien imsejjaħ għaliha fl-art ta' Garissa, fil-Kenja, u li kellu jiġi magħżul bħala l-Isqof Koadjutur tal-istess lokalità. Il-pjanijiet t'Alla ħadd ma jafhom. Aħna l-aħwa fraħna ħafna malli smajna b'din l-aħbar u qed nitoblu ħafna għalih sabiex il-Mulej jgħinu f'din il-kariga l-ġdida li hu għoġbu jsejjaħlu għaliha. •



*Il-Provinċjal Franġisku Azzopardi OFMCap jippreżenta l-Ubbidjenza tal-Ġenerala tal-Ordni lil Fr Joseph Alessandro bħala missjunarju fil-Kustodja tal-Kenja – 1989.*

Archdiocese of Philadelphia
Office of the Archbishop
222 North 17th Street
Philadelphia, PA 19103-1299

AS CHRIST LOVED THE CHURCH



July 3, 2012

Coadjutor Bishop-elect Joseph Alessandro, O.F.M. Cap.
Diocese of Garissa
P.O. Box 7
Garissa 70100
Kenya

Dear Joseph,

Vere dignum et justum est! Sursum corda!

Congratulations on your appointment as Coadjutor Bishop of Garissa. I hope that all those of us who are Capuchin bishops will continue to pray for one another and support one another in our service to the Church.

May the Lord give you peace and every blessing.

Fraternally yours in Christ and St. Francis,

+ Most Reverend Charles J. Chaput, O.F.M. Cap.
Archbishop of Philadelphia

**ARCHDIOCESE OF NYERI**

# Nyeri Catholic Secretariat

ADN
PEACE AMANI

Our Ref:..............................
Your Ref: ............................

P.O Box 288
NYERI Tel (061) 2030446/2030447
Fax 2030435
E-mail: adn@wananchi.com
NYERI-Kenya

**ARCHBISHOP'S OFFICE**

Date 11th July, 2012

Rt. Rev. Joseph Alessandro
Garissa Diocese
P O Box 7 - 70100
GARISSA

Dear Bishop Joseph

**NOTE OF CONGRATULATIONS**

I write to congratulate you upon your appointment as Coadjutor Bishop of Garissa Diocese.

We thank God for your gift to the Church of Garissa and the Church of Kenya. I am confident you equal the demands of the Ministry.

I assure you my support of prayer as you prepare for your consecration and the needed graces to fulfill your new ministry.

Yours in Christ's service

**✠Most Rev. Peter Kairo**
**ARCHBISHOP OF NYERI**

ARCHDIOCESE OF NYERI
P.O. Box 288
NYERI
Tel. 30446/30447
Telefax 30435
NYERI CATHOLIC SECRETARIAT

**Peace- Amani**





*Dehra minn barra tal-knisja Katidrali tal-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja.*



# ĦIDMA MISSJUNARJA

## TA' FR JOSEPH ALESSANDRO OFMCap

Nhar id-29 ta' Ġunju 2012 tħabbret l-aħbar li ġabet ferħ kbir fost l-Aħwa Kapuċċini Maltin, kemm f'Malta u barra minn Malta. Imma mhux inqas fost il-poplu Malti kollu, li Fr Joseph Alessandro, Patri Kapuċċin missjunarju fid-Djoċesi ta' Garissa fil-Kenja ġie magħżul mill-Qdusija Tiegħu il-Papa Benedittu XVI biex ikun Isqof ko-adjutur fl-istess djoċesi ta' Garissa. Kienet aħbar li nisslet f'kull min għandu għal qalbu l-ħidma missjunarja fil-Knisja, ferħ u fl-istess ħin radd il-ħajr lil Alla li għal darb'oħra minn fost ulied il-gżira tal-Appostlu Pawlu, jsejjaħ wieħed minnhom biex ikun suċċessur tal-Appostli fit-twettiq tal-kmand ta' Kristu nnifsu: **"Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien"** (Mt 28:19-20).




### ID-DJOĊESI TA' GARISSA

Garissa hija l-kapitali tal-provinċja fil-Grigal (North East) tal-Kenja. Il-provinċja tan-North East minbarra li għandha fruntiera ta' 'l fuq minn elf u tmien mitt kilometru mas-Somalia, hija, meta mqabbla ma' provinċji oħrajn fil-Kenja, żona kbira, imma li prattikament hija art ħawlija għaliex il-maġġor parti tat-territorju hija semi-arid desert. Fost il-provinċji



L-Isqof Ko-adjutur Mons. Joseph Alessandro.



Montage ta' realtajiet ambjentali f'Garissa.

tal-Kenja hija lanqas populata, madwar nofs miljun ruħ mifruxa madwar il-bliet ewlenin ta' Garissa, Wajir, El Wak u Mandera u diversi rħula ċkejknin. Il-klima hija waħda iebsa bit-temperatura ta' madwar 40 ċentigradi Celsius u aktar, is-sena kollha, waqt li xita normalment matul is-sena ma taqbiżx il-medja ta' żewġ pulzieri fis-sena. Hija mogħnija bix-xmara "Tana" li tipprovdi l-ilma għall-għixien għall-iktar min-nofs in-nies li jgħixu fil-provinċja, u hemm ukoll xmajjar żgħar oħrajn, uħud minnhom taħt l-art. Tul is-seklu li għadda kien hemm ukoll xi movimenti politiċi u armati li riedu jaqtgħu lill-provinċja tan-North East u jgħaqqduha mal-bqija tas-Somalia, imma dawn il-movimenti spiċċaw ilkoll fix-xejn bis-saħħa tal-militar u tal-qawwiet tas-sigurtà tal-Kenja.

In-nies huma ta' nisel Somalu u jħaddnu t-twemmin tal-Islam. L-Insara li hemm jgħixu f'din il-provinċja li huma prattikament nies Kenjani ġejjin minn bnadi oħrajn tal-Kenja fejn imexxu n-negozju, minbarra l-uffiċjali tal-Gvern, bħalma huma l-ħaddiema taċ-Ċivil, il-membri tal-pulizija u tal-armata, għalliema u nurses. Huma minoranza ċkejkna meta mqabbla mal-bqija, imma fl-istess ħin hija preżenza ħajja u xhieda qawwija tat-twemmin Nisrani fi Kristu l-Feddej. Fil-provinċja tan-North East, għaliex in-nies huma ta' twemmin Musulman, il-preżenza tal-Knisja bir-rgħajja spiritwali tagħha, hija xhieda tal-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin u tal-fidwa miġjuba minn Ġesù Kristu. Mhux darba u tnejn l-Insara jsibu ċerta ostilità minn xi fanatiċi Islamiċi li ma jaċċettawx li jkun hemm nies li jħaddnu twemmin reliġjuż minn tagħhom.

Minbarra l-provinċja tan-North East, id-Djoċesi ta' Garissa tiġbor magħha wkoll parti kbira tal-Coast Province. Meta twaqqfet, id-Djoċesi kienet tiġbor fiha wkoll iż-żona tat-Tana River, sad-distrett ta' Lamu fuq l-Oċejan Indjan. Meta wieħed iqis it-tul tat-territorju kif kien fit-twaqqif tad-Djoċesi, dan kien wieħed tassew enormi. Minn Mandera, fuq il-fruntiera fit-Tramuntana tal-Kenja sad-distrett ta' Lamu hemm distanza ta' eluf ta' kilometri. Biex wieħed jieħu idea tat-tul tal-estensjoni ġeografika tad-Djoċesi ta' Garissa, biżżejjed wieħed jara t-tul tal-Italja minn fuq s'isfel. Meta mbagħad fis-sena 2000 twaqqfet id-Djoċesi ta' Malindi,

*Il-post novizzi mal-missjunarji Kapuċċini f'Hola: Spiro Galea, Joe Galea u John Cassar, fiż-żjara li għamlu fil-Missjoni tal-viċi Provinċja Ġenerali tal-Kenja – April 2012.*



it-territorju tad-distrett ta' Lamu ġie magħqud mad-Djoċesi l-ġdida. Illum id-Djoċesi ta' Garissa tasal sal-belt ta' Wenje, madwar mija u tmenin kilometru bogħod minn Garissa.

Fiż-żona li tiġbor il-parti tal-Coast Province li tagħmel mad-Djoċesi ta' Garissa, l-aktar belt kbira hija dik ta' Hola, fejn il-ħidma missjunarja bħalissa hija mmexxija minn żewġ patrijiet Kapuċċini Maltin, Joe Galea u Spiro Galea. Id-distanzi kbar minn stazzjon missjunarju għal ieħor jagħmluha iebsa ħafna speċjalment għaliex dawk li aħna nsejħulhom toroq mhumiex xi toroq asfaltati u minbarra l-istat ħażin tagħhom, huwa iebes ħafna tgħaddi minnhom. Kemm il-ħin li wieħed jieħu biex jasal u kemm ukoll l-istat li jinsabu fihom it-toroq, l-aktar fi żmien li tkun qed tagħmel ix-xita u wara, huwa diffiċli ħafna tivvjaġġja. Dan jagħmlu iktar iebes sabiex l-Isqof ikun jista' jżur l-Insara tal-post. Matul iż-żmien minn mindu twaqqfet id-Djoċesi ta' Garissa fl-1984, qed ikun hemm żvilupp kemm fil-provinċja tan-*North East* u dik tal-*Coast Province*. Naturalment is-sehem mogħti mill-missjunarji Maltin, kemm patrijiet, sorijiet u lajċi huwa wieħed sinjifikanti ħafna.

## IL-ĦIDMA FID-DJOĊESI TA' GARISSA

Matul dawn l-aħħar tmienja u għoxrin sena, minn mindu twaqqfet id-Djoċesi ta' Garissa, il-ħidma tal-Knisja f'dan it-territorju hekk kbir u vast ma waqfet qatt. Hawn wieħed ma jistax ma jsemmiex il-ħidma tal-bidu mibdija mill-ewwel missjunarji, kemm tal-Consolata Fathers fin-North East u kemm dik tal-Holy Ghost (Spiritan) Fathers tul il-Coast Province. Dawn il-missjunarji fi tmiem is-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin kienu minn tal-ewwel pijunieri fit-twaqqif tal-Knisja f'din il-parti tad-dinja. Hija ħaġa li tħallik skantat kif il-Kristjaneżimu "wasal" sal-fruntiera tal-Etjopja, u ma baqax nieżel iktar 'l isfel. Ħaġa li żżommok skantat hi kif San Franġisk Saverju, fi triqtu lejn l-Indja, waqaf fil-belt ta' Malindi biex jidfen żewġ suldati li kienu fuq il-ġifen u baqa' sejjer u iktar 'il quddiem ġo Mombasa, il-Portugiżi bnew il-fortizza magħrufa bħala *"Fort Jesus"*, imma kif kienet id-drawwa, ma Evanġelizzawx din il-parti tal-Kenja.

Minħabba li l-ewwel missjunarji kibru fiż-żmien u ma kienx hemm oħrajn biex ikomplu l-ħidma mibdija minn dawn iż-żewġ Kongregazzjonijiet missjunarji, is-Santa Sede laqgħet it-talba tal-Provinċja Kapuċċina Maltija permezz tal-Ġeneral tal-Ordni Kapuċċin, Patri Pasquale Rywalski, illum mejjet. Il-Missjoni mogħtija lill-Provinċja Kapuċċina Maltija kienet tiġbor fiha in-North East kollu tal-Kenja u iktar minn nofs il-Coast Province tal-istess pajjiż.

Kien fil-bidu tas-sena 1974 li l-ewwel missjunarji Kapuċċini Maltin telqu lejn din l-**"avventura Evanġelika"** li ftit li xejn kien għadda minn moħħ l-ewwel pijunjieri Maltin li l-Missjoni fi żmien relativament qasir kellha tikber u tinqasam f'żewġ





**PROVINCIAL CURIA**
**FRANCISCAN CAPUCHIN FRIARY**
**F.X. Fenech Street, Floriana VLT 14, Malta**
**Tel: Provincial Office 220163, Friary 234949, 225525**
**Fax: 235955**
**e-mail: ofmcap@maltanet.net**

*The Lord gives you peace*

Għażiż Ħuna Joseph

F'sena reġgħet ġriet l-aħbar li l-Qdusija Tiegħu il-Papa Benedittu XVI kien reġa' għażel wieħed minn ħutna bħala Isqof, Koadjutur ta' Garissa fil-Kenja. Din id-darba messet lil Fr Joseph Alessandro.

Jiena, personalment fraħt għal din il-grazzja li Alla reġa' xeħet fuqna l-Kapuċċini Maltin. Kif jgħid sewwa San Pawl fl-ittra tiegħu lil Timotju, Fr Joseph huwa bniedem serju, per? bi tbissima fuq fommu, lest għal kulħadd. Bniedem ta' responsabbilt?, per? fuq kollox Kapuċċin ta' veru.

Żgur li din il-kariżma Franġiskana Kapuċċina se jkompli jgħaddiha lin-nies tad-Djoċesi ta' Garissa, mhux biss bħala reliġjuż u saċerdot, imma wkoll bħala Isqof. Il-folla kbira li attendiet għall-Konsagrazzjoni tiegħu bħala Isqof ġewwa il-Konkatidral ta' San Ġwann hija xhieda ta' kemm huwa maħbub mhux biss min-nies tal-Kenja, imma fuq kollox minna l-Maltin.

Żgur u mhux forsi se jkun ta' għajnuna kbira għall-Isqof Mons. Pawlu Darmanin, li huwa wkoll Kapuċċin. Kienet xewqa kbira ta' missierna San Franġisk li jmur qalb il-Musulmani biex iwassal lil Kristu Ġes? fost dawk li għadhom ma semgħux bih. U hekk se jagħmel Mons. Joseph Alessandro ġewwa Garissa, li flimkien mal-Insara jgħixu qalb il-Musulmani. Mons. Joseph żgur li mhux se jagħmel xi distinzjoni jew preferenza. Se jkun ta' qadi għal kulħadd. B'imħabba kbira se jgħin, jgħallem u jipprova jferraħ lil kulħadd, hu x'inhu t-twemmin tiegħu.

Aħna, min-naħa tagħna, fil-Provinċja Kapuċċina Maltija, se nkomplu niftakru fih. Ngħidulu grazzi ta' kemm ta lill-Provinċja, l-aktar bħala Ministru Provinċjal u ta' kemm għin liż-żgħażagħ tagħna fil-formazzjoni tagħhom. Kull fejn kien, in-nies kienu jħobbuh.

Nitolbu għalih, għall-Mons. Pawlu Darmanin u għal dawk kollha, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li qegħdin jaħdmu fid-Djoċesi ta' Garissa.

Għażiż Ħuna Joseph, awguri u żomm f'qalbek lill-Mulej u ftakar li l-Provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija għadha tiegħek.

djoċesijiet b'futur fejjiedi. L-isfidi l-ġodda ma qatgħux il-qlub kemm tal-patrijiet Kapuċċini u iktar tard tas-sorijiet Maltin, kemm **"Ulied il-Qalb ta' Ġesù"** u l-**"Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù"**, kif ukoll il-għadd sabiħ ta' lajċi Maltin, kemm dawk li telgħu għal ftit żmien u dawk li telgħu għal żmien itwal.

Il-ħidma li wettqu dawn il-pijunieri hi waħda ta' min ifaħħarha u jammiraha għaliex għalkemm iltaqgħu ma' saram kbir minn żmien għal żmien dan ma qatgħalhom qatt qalbhom milli jissoktaw l-ħidma tagħhom b'risq in-nies tal-post.

Espressjoni li kien iħobb jgħid il-mibki Mons. Francis Baldacchino, l-ewwel Isqof ta' Malindi, kienet li meta n nies tal-post kienu bdew jaraw il-ħidma ssir b'risq tagħhom minnu, kienu jgħidulu li hu raġel tajjeb ħafna, imma li kien jonqsu hu li jkun Musulman, għaliex dawn kienu nies Musulmani li għarfu dak li kien qed isir mill-missjunarji b'risq tagħhom.

Din il-ħidma fejjieda tal-missjunarji Maltin ħalliet il-frott tagħha, tant li fis-sena 1978, il-Missjoni ġiet



Mons. Leo White OFMCap. Prefett Appostoliku, f'udjenza mal-Papa, il-Beatu Ġwanni Pawlu II.

mgħollija għall-Prefettura Appostolika bl-ewwel Prefett kien Mons. Leo White OFMCap. Bħala Prefettura, il-Missjoni saret territorju awtonomu, mhux iktar dipendenti mid-djoċesijiet ta' Mombasa u Meru. B'din ir-responsabbiltà ġdida kompliet il-ħidma ta' Evanġelizzazzjoni minn kull aspett mill-missjunarji tant li din kompliet ġiet magħrufa meta fil-25 ta' Marzu 1984, il-Prefettura ġiet mgħollija għal Djoċesi bl-ewwel Isqof tagħha jkun Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, l-Isqof preżenti, li tiegħu Mons. Joseph Alessandro issa huwa l-Isqof Ko-adjutur.

Tul it-tmienja u għoxrin sena tiegħu bħala Isqof, Mons. Darmanin ma waqafx iġib 'il quddiem dak kollu li hu żvilupp fid-Djoċesi li jolqot lill bniedem fit-totalità kollha tiegħu. Problemi ta' kull tip li kellu jħabbat wiċċu magħhom ma naqsux, imma dawn qatt ma qatgħu qalb Mons. Darmanin li jkompli jaħdem bla waqfien għall-ġid tan-nies kollha, Insara u mhux. Il-klima u l-vjaġġi flimkien maż-żmien għaddej minn fuq Mons. Darmanin ħallew l-impronta tagħhom fuqu. Saħħtu ma baqgħetx l-istess u kienet, għalhekk li s-Santa Sede rat li jkollu mhux biss awżiljarju, imma ko-adjutur li jkun jista' jieħu fuq spallejh ħafna mir-responsabbiltà u dak kollu li jitlob minn ragħaj f'territorju hekk vast. Kien għalhekk li s-Santa Sede għażlet lil Fr Joseph Alessandro bħala Isqof Ko-adjutur tad-Djoċesi ta' Garissa. Bl-għażla ta' Mons. Alessandro li tul iż-żmien li kien għamel qabel u dawn l-aħħar sentejn dejjem ħadem id f'id ma' Mons. Darmanin u issa bl-għażla tiegħu bħala Ko-adjutur issir iktar faċli l-ħidma tiegħu mal-Isqof tal-post.

Id-Djoċesi ta' Garissa, għalkemm relativament żagħżugħa fiż-żmien, diġà wkoll qegħda tipprovdi kandidati kemm għall-ħajja saċerdotali u dik ukoll reliġjuża, minbarra l-għadd ta' nsara li kiber minn mindu waslu l-missjunarji Maltin kif ukoll id-diversi forom ta' għajnuna umanitarja b'diversi modi mogħtija lin-nies tal-post mill-missjunarji. Dawn jinkludu fost l-oħrajn skejjel, Ċentri edukattivi, dispensaries u kliniċi, rehabilitation Centres, li l-istat tal-Kenja għadu mhux f'pożizzjoni illi jipprovdi lin-nies tal-post. Il-ħidma mibdija mill-missjunarji Maltin qed tiġi ftit ftit mgħoddija f'idejn il-kleru, ir-reliġjużi u l-Insara tal-post. Dan huwa żvilupp kbir meta fi żmien inqas minn erbgħin sena l-ħidma mibdija mill-missjunarji Maltin illum kibret u għadha dejjem qegħda tespandi.

## MISSJUNARJU BI STORJA UNIKA

Għalkemm Mons. Alessandro ilu dawn l-aħħar sentejn fil-ħidma tiegħu bħala missjunarju, però fil-fatt il-ħidma tiegħu fil-Missjoni tmur ħafna iktar lura. Fis-sena 1989, Fr Joseph Alessandro kien telaq bħala missjunarju fil-Kenja biex hemm jingħaqad ma' ħutu l-Patrijiet Kapuċċini missjunarji fil-Kenja. Mill-ewwel beda l-ħidma tiegħu ġo Garissa, imma l-Mulej ried li jifrixlu l-ħidma tiegħu għaliex fi Frar 1993, Fr Joseph ġie magħżul sabiex ikun is-Superjur Regulari tal-Kapuċċini Maltin u Kenjani fil-Kenja. Mill-ewwel beda jara kif ikompli jħeġġeġ lil kull min kien qiegħed jagħti l-ħidma tiegħu missjunarja, però ftit xhur wara li ġie magħżul għal din il-ħidma, Fr Joseph kellu jgħaddi minn prova kbira.

Kien ix-xahar ta' Ottubru, nhar il-festa ta' San Luqa. Fr Joseph niżel Mpeketoni, kemm biex iżur il-missjunarji patrijiet u lajċi Maltin, u wkoll iżur id-dar tal-postulanti Kapuċċini fl-istess żona. Fi triqtu lura lejn il-kapitali Nairobi kien qed iġorr miegħu lil missjunarju Patri Hilary Abela u tliet voluntieri Maltin li kienu qed jibdew it-triq lura lejn art twelidhom. Fi triqthom bejn Mpeketoni u Witu ġara dak li ħasad mhux biss lill-Maltin li saru jafu



*L-Isqfijiet tal-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja: Mons. Pawlu Darmanin u l-Ko-adjutur tiegħu Mons. Joseph Alessandro.*



MISSIONARY SOCIETY OF ST. PAUL

*Casa Generalizia, Via Castel Guelfo 41/A, Vitinia, 00127 Roma*

*Tel. (+39) 06 523 73 113 Fax (+39) 06 5237 0909 E-Mail mssproma@mssp.it*

Bishop Elect Fr. Joe Alessandro O.F.M. Cap.,
P.O. Box 7
Garissa 70100
KENYA.

Your Lordship,

3 July 2012

We have heard with great joy the news of your appointment as Auxiliary Bishop of Garissa.

On behalf of Fr. Mark Grima, our new Superior General, who today is flying back to Manila where he was residing for the last six years, and all the new General Council of the Missionary Society of St. Paul, I would like to congratulate you most sincerely on your new and important appointment.

We assure you of our prayers and support in your new mission, knowing full well that you will use the many excellent qualities that the Lord has endowed you with for the benefit of the Church in Garissa and all the People of God.

At the same time, we would like to show our full support and solidarity with Bishop Darmanin, yourself and all the people of Garissa after the atrocious attack perpetrated in one of your churches and which has left several dead and many wounded. May the Christian fortitude help you all during this most difficult of times. We assure you all of our constant prayers and solidarity.

Fraternally yours in the Lord,

Fr. Mario Micallef MSSP
Secretary General

biha, imma lill-istess nies tal-Kenja fejn ix-*"shiftas"* (ħallelin/ banditi) sparaw fuq il-van li kien qed iġorr lill-Maltin lejn Nairobi. Il-balla għaddiet mill-bieba tal-van, laqtet lil Fr Joseph u kissritlu l-għadam li fuqhom inżommu bilwieqfa aħna l-bnedmin minbarra li x'"shrapnel" li nfirex f'żaqqu u madwarha. Min spara kellu l-ħsieb li joqtol. Skond il-pulizija Kenjani l-isparatura kienet intiża biex toqtol. Lil Fr Joseph niżżluh mill-karozza u l-ħallelin ġegħlu lill-Maltin, taħt theddida li joqtluhom, biex idaħħluh 'il ġewwa fil-bosk, waqt li l-Maltin l-oħra ġew meħuda minnhom u wara li telfulhom kull direzzjoni, ħallewhom.

Fr Joseph, għalkemm tilef ħafna demm, tkaxkar sat-triq fejn wara xi ħin għadda raġel fuq rota u Fr Joseph talab l-għajnuna. Dan iktar ġera għaliex għaraf li kien hemm ix-*"shiftas"* u mar itgħarraf kollox lill-pulizija. Għalkemm ma kellhomx karozza, il-pulizija qabbdu trakk li kien mgħobbi bi proviżti tal-ikel u marru sa fejn kien qalilhom min ta l-aħbar. Għabbew lil Fr Joseph fuq l-ixkejjer u ħaduh fl-eqreb dispensarju fejn in-nursing officer, wara li ra l-ferita qalilhom li kien kas ta' sptar. Minn Witu, sakemm waslu fl-eqreb sptar fil-gżira ta' Lamu kien hemm 'il fuq minn sebgħin kilometru triq minbarra li kellhom iqiegħduh fid-dgħajsa mimlija sa ruħha bin-nies u bl-oġġetti tal-ikel sakemm waslu Lamu. Minn hemm it-tabib tal-isptar ra li l-isptar ma setax joffrilu kura medika u minn hemm beda l-vjaġġ fuq ajruplan ambulanza lejn Nairobi fejn fortunatament kien hemm sodda u kamra għalih li fiha seta joqgħod.

MInn Malta, il-Profs John Rizzo Naudi, dak iż-żmien Ministru tas-Saħħa, u benefattur kbir tal-Missjoni, wara li rċieva d-dettalji tal-feriti, ħa ħsieb li Fr Joseph jiġi meħud lejn sptar speċjalizzat f'Middlesex, Ingilterra, u minn hemm bdiet il-kura tiegħu. Skond l-analiżi tal-Profs Khan fil-Kenja, li kkura lil Fr Joseph f'Nairobi Hospital, Fr Joseph għex b'miraklu, li ġiet ikkonfermata wkoll mill-istess Profs John Rizzo Naudi.

Lura Malta Fr Joseph ħadem ħafna bħala Segretarju u animatur tal-Missjoni tagħna l-Kapuċċini Maltin fil-Kenja. Meta kien possibbli kien iżur lill-missjunarji u meta xi ħadd minnhom kien ikun lura għall-mistrieħ f'Malta, kien jara li ma jkun jonqsu xejn. Meta mbagħad fis-sena 2010, wara li temm sitt snin bħala Provinċjal, talab li jerġa' jitla' jaħdem fid-Djoċesi tal-Kenja. Tul is-sentejn li kien ilu, reġa' kien għal darb'oħra l-id il-leminija ta' Mons. Pawlu Darmanin u għalhekk li s-Santa Sede, wara li studjat id-diversi rapporti, ħatret lil Fr Joseph Alessandro bħala Isqof Ko-adjutur ta' Garissa. •

*Fr Joseph Alessandro mal-qraba u l-Profs John Rizzo Naudi, rikoverat f'Malta wara l-inċident ta' sparatura mill-ħallelin fil-Missjoni fil-Kenja.*



*Fr Joseph Alessandro jirċievi l-paċi mill-Provinċjal Emanuel Barbara f'ċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof Pawlu Darmanin, li fiha ngħatalu l-mandat mill-ġdid li jkun missjunarju fil-viċi Provinċja Ġenerali Kapuċċina fil-Kenja.*





# MESSAĠĠ FIT-TMIEM TAL-ORDINAZZJONI EPISKOPALI

## MILL-ISQOF KOADJUTUR, MONS. JOSEPH ALESSANDRO OFMCap

### Is-Sibt, 29 ta' Settembru 2012



*Your Excellency the President of the Republic of Malta and Mrs Abela;*
*Your Eminence John Cardinal Njue, Archbishop of Nairobi;*
*Your Grace Paul Cremona, Archbishop of Malta;*
*Your Excellency Archbishop Tommaso Caputo, Apostolic Nuncio in Malta;*
*Your Lordship Paul Darmanin, my Bishop;*
*Your Graces and Your Lordships Brother Bishops;*
*Most Reverend Cathedral Chapter;*
*Most Reverend Provincials, priest and Religious;*
*Honourable Prime Minister of Malta Dr Gonzi;*
*Your Honour Chief Justice and Mrs Camilleri;*
*Honourable Dr Farrugia on behalf of the Leader of the Opposition;*

*My dear brothers and sisters in Christ*

***Peace be with you!***

*On this solemn and unique occasion I would like to thank first and foremost God, who in his unfathomable plans has chosen me to be amongst the Shepherds in His Church. I consider this calling as a grace He is granting me, although I do not consider myself worthy, to serve the Church as a shepherd on the example of the Good Shepherd our Lord Jesus Christ.*

*Thanks to His Holiness Pope Benedict XVI for having appointed me Coadjutor Bishop of the Diocese of Garissa in Kenya.*

*Il-Kon-katidral ta' San Ġwann mimli bin-nies nhar l-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Joseph Alessandro.*

*With this new appointment I am willingly ready to render my humble service to the universal Church, to the Church in Kenya and particularly in the Diocese of Garissa.*

*My Diocese is thousands of kilometres afar from Malta, but still I feel that I am close to my people there in my prayers, in my mind and in my heart.*

*Being ordained to the Episcopal ministry today, 29th September, Feast of the Blessed Archangels Michael, Gabriel and Raphael, is something very significant for me because under the protection of these Archangels I feel more encouraged and empowered to shoulder this new burden.*

*Mentioning this particular date of the 29th September, I would like to congratulate also His Excellency the Apostolic Nuncio Archbishop Tommaso Caputo and His Grace Joseph Mercieca Archbishop Emeritus who today are celebrating the anniversary of their Episcopal ordination. Congratulations!*

*When I had to choose a motto to follow and to present to my brothers and sisters in the Diocese of Garissa, as an ideal even for them to follow, I immediately thought of having a Marian one. So I chose the same words which Mary said in the wedding of Cana: "Lolote atakolawaambieni, fanyeni" "Do whatever He tells you". First of all I try to follow this advice myself to do whatever He tells me and then to propose it to my dear brothers and sisters.*

*I will entrust my Episcopal ministry under the maternal care of the Blessed Virgin Mary our Mother who is also the Patron of the Diocese of Garissa.*

*Now I would like your Eminence to allow me to use my mother tongue to say a few words.*

Mingħajr ma nifhem nirrepeti dak li għadni hekk għedt, nixtieq però nesprimi r-radd ta' ħajr tiegħi lil Mulej Alla ta' din grazzja kbira li għoġbu jagħtini meta sejjaħli biex inkompli l-ministeru li ta lill-Appostli, billi bħalhom u fuq l-eżempju tiegħu tar-Ragħaj it-Tajjeb, anki jiena jirnexxili bl-għajnuna tiegħu nkun ragħaj li niddedika l-kumplament ta' ħajti b'servizz lejn il-Knisja universali, b'mod partikulari dik fil-Kenja u l-aktar fil-Djoċesi ta' Garissa.

Minkejja li ma nħossnix dehen għal dan il-ministeru, nafda l-ħidma tiegħi fl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla li qatt ma tonqos, fil-ħarsien ta' Ommna l-Verġni Marija, patruna tad-djoċesi ta' Garissa, fil-protezzjoni tal-Arkanġli li tagħhom illum qegħdin nagħmlu l-festa, u fl-aħħar u mhux l-inqas fit-talb tagħkom għalina.

Il-motto li għażilt huwa l-istess kliem li qalet Marija lill-qaddejja fit-tieġ ta' Kana: "Dak kollu li jgħidlkom Hu, agħmluh". Dan il-kliem inħossu ndirizzat l-ewwelnett għalija biex kontinwament nisma' l-leħen tal-Mulej u nfassal ħajti fuqu, u it-tieni ħalli dan il-messaġġ ta' Marija nwasslu lil ħuti nsara fil-djocesi ta' Garissa taħt it-tmexxijja għaqlija tal-Isqof Paul Darmanin, biex anki huma jagħtu widen għall-kliem tal-Mulej Ġesù.

F'dan il-mument nixtieq nirringrazzja b'mod partikulari lil għeżież ġenituri tiegħi li tawni l-ħajja u trobbija nisranija tajba u li nemmen li qegħdin jifirħu magħna mis-sema. Ħajr lil dawk kollha li kienu ta' sapport għalija: ħuti tal-familja, ħuti reliġjużi, edukaturi li kelli, qraba, ħbieb u benefatturi, speċjalment tal-Missjoni, u xejn inqas lil Isqof tiegħi Monsinjur Paul Darmanin, li għal dawn l-aħħar sentejn kien ħafna qrib tiegħi.

Jalla l-barka tal-Mulej tinżel fuqna lkoll, u jagħtina s-sliem tiegħu.

Fr. Joe Alessandro

**+ Joseph Alessandro OFMCap**

**Isqof Koadjutur ta' Garissa, Kenja**

# AWGURI U MERĦBA

## minn Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof ta' Garissa



Ħadna ferm gost meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI għoġbu jinnominak Isqof ko-adjutur tad-Djoċesi ta' garissa.

Il-miġja tiegħek u l-impenn tiegħek fil-futur tad-Djoċesi huma avveniment storiku fl-istorja tad-Djoċesi li tħares lejk bħala kontinwità tal-Missjoni Garissa li bdiet kważi 40 sena ilu, fl-1974.

B'dan jikber u jissaħħaħ l-impenn tal-Provinċja Kapuċċina Maltija kif ukoll tal-viċi Provinċja Kapuċċina fil-Kenja, fl-ispirtu missjunarju. L-esperjenza tiegħek fil-ħidma missjunarja u l-interess bħala superjur, dejjem urew l-imħabba tiegħek lejn il-Knisja fil-Kenja u fl-iżvilupp tal-poplu li miegħu inti diġà għext u miegħu qsamt ir-riski li huma jgħaddu minnhom.

L-Ordinazzjoni Episkopali tiegħek li, għal raġunijiet speċjali, kellha ssir fil-Knisja ta' Malta, imdawra bl-ispirtu missjunarji tagħha, hija grazzja minn Alla li tkompli timla kemm lilek kif ukoll il-Knisja / Provinċja Kapuċċina / qraba u ħbieb, b'inpenn ta' ħeġġa għat-tixrid tal-Evanġelju skont is-Sinodu li għadu kif sar u ta' kobor u impenn fil-fidi ta' dawk kollha mpenjati fil-missjoni ta' Kristu, fuq il-parir tal-Madonna li inti għażilt bħala l-motto tiegħek:

**"Agħmlu dak li jgħidilkom hu"**.

Mill-ġdid u mill-qalb kollha:
**Awguri u merħba bħala Isqof Ko-adjutur fid-Djoċesi ta' Garissa**
***Karibu kwetu***

+ Paul Darmanin OFMCap
Bishop of Garissa
Kenya.

# The Episcopal lineage of THE MOST REVEREND JOSEPH ALESSANDRO OFMCAP Coadjutor Bishop of Garissa since 1901



**JOSEPH ALESSANDRO, O.F.M.Cap.,** Coadjutor Bishop of Garissa. Consecrated 29 September 2012 at Valletta, Malta, in Saint John the Baptist Co-cathedral, by John Cardinal Njue, Archbishop of Nairobi, assisted by Paul Cremona, O.P., Archbishop of Malta, and Paul Darmanin, O.F.M.Cap., Bishop of Garissa.

**JOHN NJUE,** first Bishop of Embu. Consecrated 20 September 1986 at Embu, in Moi Stadium, by Jozef Cardinal Tomko, Prefect of the Congregation for the Evangelisation of Peoples, assisted by Silas Silviius Njiru, Bishop of Meru, and Raphael Ndingi Mwana'a Nzeki, Bishop of Nakuru.

**JOZEF TOMKO,** Titular Archbishop of Doclea and Secretary General of the Synod of Bishops. Consecrated 15 September 1979 in the Sistine Chapel, Vatican City, by His Holiness Blessed Pope John Paul II, assisted by Eduardo Martínez Somalo, Titular Archbishop of Thagora and Substitute of the Secretariate of State, and Andrew Gregory Grutka, Bishop of Gary.

**Blessed KAROL JÒZEFWOJTYLA,** the future Pope John Paul II, Titular Bishop of Ombi and Auxiliary Bishop of Kraków. Consecrated 28 September 1958 in the Metropolitan Cathedral, Kraków, by Eugeniusz Baziak, Archbishop of Lwów of the Latins and Apostolic Administrator of Kraków, assisted by Boleslaw Kominek, Titular Archbishop of Euchaita and Franciszek Jop, Titular Bishop of Daulia.

**EUGENIUSZ BAZIAK,** Titular Bishop of Phocea and Auxiliary Bishop of Lwów of the Latins. Consecrated 5 November 1933 in the Metropolitan Cathedral, Lwów, by Boleslaw Twardowski, Archbishop of Lwów of the Latins, assisted by Franciszek Lisowski, Bishop of Tarnow and Edward Komar, Titular Bishop of Alinda and Auxiliary of Tarnow.

**BOLESLAW TWARDOWSKI,** Titular Bishop of Telmissus and Auxiliary of Lwów of the Latins. Consecrated 12 January 1919 in the Metropolitan Cathedral, Lwów, by Saint Józef Bilczewski, Archbishop of Lwów of the Latins, assisted by Leo Walega, Bishop of Tarnow and Karol Józef Fischer, Titular Bishop of Mallus and Auxiliary of Przemysl of the Latins.

**Saint JÒZEF BILCZEWSKI,** Archbishop of Lwów of the Latins. Consecrated 20 January 1901 in the Metropolitan Cathedral, Lwów, by Jan Maurycy Pawel Puzyna de Kozielsko, Bishop of Kraków, assisted by Andrij Szeptyckyj, Archbishop of Lviv of the Ukrainians and Saint Józef Sebastian Pelczar, Bishop of Przemysl of the Latins. •



L-Isqof il-ġdid, Mons. Joseph Alessandro flimkien maż-żewġ Isqfijiet Kapuċċini, Pawlu Darmanin u Emanuel Barbara, u l-konċelebranti Kapuċċini, nhar l-Ordinazzjoni Episkopali f'San Ġwann, 29 ta' Settembru 2012.



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel…

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**